MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 851/2007/1

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**vs**

**Andrews Feeds (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' April, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-Assocjazzjoni attrici talbet li s-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€247.38) - (Lm106.20c) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta mis-socjetà konvenuta ghas-sena 2006 *ai termini* tal-istatut tal-istess assocjazzjoni. Minkejja li s-socjetà konvenuta giet

nterpellata diversi drabi inkluz bl-ittra bonarja tat-28 t'April, 2007 din baqghet inadempjenti. Bl-interessi mid-data tal-fattura u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li biha wiegbet li l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-perjodu li ghalih l-Assocjazzjoni qed titlob il-hlas, is-socjetà ma kinitx membru u ghaldaqstant il-hlas m'huwiex dovut.

Sema' x-xhieda ta' Katya Saliba u ta' Peter Gatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Victor Axiak ghall-attur u Dr Carmel Chircop ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-7 ta' Dicembru, 1999 is-socjetà konvenuta applikat biex issir socju tal-Assocjazzjoni attrici u din it-talba giet milqugha u minn dak iz-zmien sas-sena 2005 is-socjetà konvenuta hallset il-mizata regolarment. Il-mizata dovuta ghas-sena 2006 hija ta' disghin Lira Maltin (Lm90) plus VAT, jigifieri mija u sitt Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm106.20c) li huwa l-ammont mitlub f'dan l-avviz. M'huwiex kontestat li dan l-ammont ma thallasx. Is-socjetà konvenuta qieghda ssostni li m'hijiex obbligata li thallas dan l-ammont u dan billi fis-7 ta' Mejju, 2006 hija baghtet ittra ta' rizenja u qieghda ssostni li din l-ittra ta' rizenja giet milqugha.

Skond id-Dokument KS2 a fol 22 tal-process, però jirrizulta, li wara li ntbaghtet l-ittra ta' rizenja, l-Assocjazzjoni xorta talbet il-hlas kollu ta' sena shiha u dan billi qieghda tikkontendi li l-mizata tithallas f'Jannar bil-quddiem u ghalhekk meta nkitbet l-ittra f'Mejju 2006, kienet gia dovuta l-mizata ta' sena shiha u inoltre, skond l-Artikolu 7 tal-istess statut hemm miktub hekk:

“However, any resignation which is received during the year will not exempt the member from paying the subscription mentioned in Article 6.1 for the year within which the resignation is tendered”

U dan ifisser illi skond l-istatut is-socjetà konvenuta hija tenuta li thallas ta’ sena shiha minkejja li hija rrizenjat f’Mejju.

Peter Gatt xehed illi attwalment matul is-sena 2006 huma lanqas biss uzufruwew ruhhom mis-servizz tal-Assocjazzjoni attrici u ghalhekk dan it-Tribunal, mehud ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment ukoll il-fatt li r-rizenja ntbaghtet f’Mejju u ghalhekk certament minn Gunju ‘l quddiem is-socjetà konvenuta ma hadet l-ebda beneficcju minghand l-Assocjazzjoni attrici, huwa tal-fehma li ghandu jkun hemm riduzzjon pro-rata tal-mizata mitluba u dan abbazi tal-principju t’ ekwita.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjetà konvenuta ghandha thallas mizata ekwivalenti ghal hamsa minn tnax (5/12) tal-ammont mitlub li jigi ekwivalenti ghal erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm44.25) liema somma hija ekwivalenti ghal mija u tlett Euro u seba’ centezmi (€103.07).

In vista tal-premess ukoll ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas lill-Assocjazzjoni attrici s-somma ta’ mija u tlett Euro u seba’ centezmi (€103.07) – (Lm44.25) flimkien mal-interessi mis-7 ta’ Mejju, 2006 ‘l quddiem. L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet.**”**

Sostanzjalment, id-denunzja mill-Assocjazzjoni attrici fil-konfront ta' din is-sentenza hi diretta kontra l-ezercizzju tad-dritt ekwitativ applikat mit-Tribunal fil-gudizzju tieghu. Hi tilmenta illi t-Tribunal injora ghal kollox l-Istatut ta' l-Assocjazzjoni u l-principju tal-*pacta sunt servanda* b'mod li dan wassal ghal decizjoni inekwa u ingusta di fronte ghaliha. Agguntivament, illi t-Tribunal ibbaza l-istess decizjoni tieghu fuq fatti li ma gewx ipprovati fil-kors tal-kawza. Skond l-appellanti, dan in referenza ghall-kumment maghmul mit-Tribunal illi minn Gunju 2006 'l quddiem is-socjeta` konvenuta ma hadet ebda beneficcju minghand l-Assocjazzjoni;

Mill-attijiet tal-kawza, principalment ix-xhieda ta' Katya Saliba, *business manager* ma' l-Assocjazzjoni, (fol. 19), u ta' Peter Gatt, *general manager* tas-socjeta` konvenuta, (fol. 24), jirrizultaw dawn il-fatti ta' rilevanza:-

(i) Is-socjeta` konvenuta kienet membru fl-Assocjazzjoni mill-1999;

(ii) Din is-socjeta` baghtet ir-rizenja taghha fit-8 ta' Mejju, 2006;

(iii) L-Assocjazzjoni talbet il-hlas tal-mizata ghas-sena intiera 2006. Dan, in virtu ta' l-artikolu 7 ta' l-Istatut li jipprovdi illi r-rizenja ma tezonerax lill-membru mill-hlas tal-mizata ghas-sena kurrenti li fiha tigi sottomessa r-rizenja;

(iv) Fis-sena partikolari 2006, skond ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, il-kumpanija ma uzufruwitx mis-servizzi ta' l-Assocjazzjoni u b'hekk dehrilha li ma kellhiex obbligu tivversa hlas ghal servizzi li ma hadetx;

Il-hsieb formattiv ta' din il-Qorti fuq il-kuncett tad-dritt ekwitativ gja gie minnha espress f'sentenzi anterjuri bil-mod li jsegwi:-

1. “Forsi jkun aktar logiku jekk wiehed jirraguna illi f’sistema fejn il-ligi miktuba hi strument principali ta’ attwazzjoni, il-kuncett ta’ l-ekwita` ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta’ gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b’riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b’mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l-gudikatur jiskonfina ruhu fl-arbitriju. Naturalment ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta’ l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-meritu. Ara f’dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet “**Blye Engineering Co Ltd -vs- Vincent Caruana**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000”, - “**Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg *et***”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex), 5 ta’ Lulju, 2006;

(2) Issokta jigi precizat minn din l-istess Qorti illi r-“regola ta’ gudizzju” riferenzjata fis-silta appena riportata “timplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-*summum jus* in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta’ certi normi ta’ dritt u ghaldaqstant hu jista’ jirrikorri ghall-principju ta’ dik il-prudenza u ta’ l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni” – “**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**”, Appell mit-Tribinal ghal Talbiet Zghar, 1 ta’ Novembru, 2006;

Riaffermati dawn ir-riflessjonijiet, hi t-tezi ta’ l-Assocjazzjoni appellanti illi t-Tribunal naqas li jiddeciedi skond il-principji tad-dritt ghaliex ma osservax pjenament il-patt ta’ l-Istatut regolatur li kien jirrendi obbligatorju l-hlas tal-mizati ghas-sena shiha, ukoll f’kaz ta’ rizenja matul dik is-sena partikolari. Hi ghalhekk tinvoka l-principju *pacta sunt servanda* li minnu, dejjem skond il-fehma taghha, it-Tribunal ma kellux jidderoga;

Minn dak li diga` nghad fid-decizjonijiet enuncjati ma ghandux ikun dubitat illi s-sinjifikat interpretativ li johrog

mid-dispost ta' l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995 bl-attribuzzjoni li jaghti lit-Tribunal li jiddeciedi "principalment skond l-ekwita`" huwa dak li t-Tribunal jista' jasal ghal gudizzju tieghu permezz ta' adattament tal-principji guridici ghall-fattispeci pekuljari. Tali jimporta illi hu jista' jadotta valutazzjoni specifika diversament minn dik ordinarjament konsentita mill-interpretazzjoni tar-regoli stretti tad-dritt. Din id-devjazzjoni hi hekk konsentita lilu in relazzjoni ghall-elementi, cirkostanzi jew qaghdiet partikolari tal-kaz konkret. Li kieku ma kienx hekk, il-kuncett ta' l-ekwita` m'ghandux postu fil-qafas tal-ligi specjali promulgata mil-legislatur b'dak il-provvediment;

Fil-kaz prezenti jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi l-gudikatur, ghall-fini li jaghmel riduzzjoni pro-rata tal-mizata mitluba, ha in konsiderazzjoni dawn il-fatturi fil-kriterju prexxelt tal-gudizzju ekwitattiv:-

I. Is-socjeta` konvenuta appellata ma uzufruwitx ruhha mis-servizzi ta' l-Assocjazzjoni matul is-sena 2006;

II. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, senjatament il-fatt illi r-rizenja ntlaqghet f'Mejju ta' dik is-sena;

Fuq l-istregwa ta' dawn l-elementi ma jidherx, fil-hsieb konsidrat ta' din il-Qorti, illi b'dak il-gudizzju t-Tribunal holoq kuntrast bejn il-principju tad-dritt kostitwit minn patt konvenzjonali u r-raguni ta' l-ekwita`. Apparentement, dak il-principju la gie skartat, la injorat u wisq anqas negat. Gie, iva, temprat in kwantu c-cirkostanzi specjali tal-kaz konkret kienu, objettivament, jiggustifikaw differenza fit-trattament minn dik solitament derivanti mill-applikazzjoni rigoruza tal-principju tad-dritt jew ta' disposizzjoni tal-ligi posittiva. Certament, imbaghad, lanqas ma jirrizulta lill-Qorti illi f'dawk ic-cirkostanzi partikolari t-Tribunal sejjes il-kriterju ekwitativ adottat minnu fuq provi li mill-atti ma jirrizultawx. Bil-kontra ta' dak sostenut mill-Assocjazzjoni appellanti r-rizultanzi istruttorji kienu manifestament jistabilixxu, fuq ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, illi din ma ghamletx uzu mis-servizzi ta' l-

Assocjazzjoni matul is-sena 2006. Din ix-xhieda baqghet inkontradetta, tant li lanqas issa, f'din is-sede, l-Assocjazzjoni appellanti ma gharfet tikkuntrastaha b'xi prova kuntrarja, izda sempliciment illimitat ruhha ghas-sottomissjoni generika illi t-Tribunal ibbaza l-motivazzjoni tieghu fuq provi mhux in atti. Dan ma huwiex hekk il-kaz u c-censura ta' l-Assocjazzjoni mhix meritevoli ta' akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi kollha predetti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-Assocjazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------